**25 ta' Lulju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Romeo Buhagiar

**Żball — Dubju — Sewqan bla Liċenza — Assikurazzjoni — Konkors ta' Reati — Art. 19 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 13 tal-Kap. 165.**

*Biex l-iżball tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat ineħħi l-imputabbilità, irid jammonta għal nozzjoni pjena u kuntrarja għar-realtà; u għall-iżball mhux ekwiparabbli d-dubju.*

*Jekk l-imputat huwa ħati ta' sewqan ta' vettura tal-mutur waqt li kien skwalifikat milli jkollu liċenzi tas-sewqan, u anki talli għamel użu minn vettura tal-mutur mingħajr assikurazzjoni, hemm konkors ta' reati, u għall-każ tiegħu huma applikabbli r-regoli rilevanti tal-liġi dwar il-piena.*

*Id-data tal-iskwalifika tal-liċenza tibda tgħodd mid-data li fiha jkun ġie misjub ħati.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-imsemmi Romeo Buhagiar appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-13 ta' Lulju 1959, u talab li jiġi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmi sentenza, li biha l-appellant ġie misjub ħati fit-termini tal-art. 19 tal-Kap. 105 u 3(1)(2) tal-Kap. 165 tal-Liġijiet, u 31 tal-Kodiċi Kriminali, u ġie kundannat għall-priġunerija għal żmien xahar, bl-iskwalifika milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal żmien sena minn mindu jkun skonta l-piena restrittiva tal-libertà;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Fit-8 ta' Ġunju 1958 l-appellant kien nieżel mill-Furjana għall-Bombi jsuq Vespa nru. 19414, bil-mutur jaħdem, kif assiguraw is-Surġent Teuma, u l-kuntistabbli Mallia u Camilleri, li waqqfuh. Allura l-imputat kien skwalifikat milli jkollu liċenza tas-sewqan . . . .;

*Omissis;*

L-appellant sostna wkoll li fil-waqt tal-fatt hu kien taħt impressjoni li s-sentenza li skwalifikatu mil-liċenza tas-sewqan kienet ġiet appellata, billi l-avukat tiegħu kien qallu li jew jagħmillu rikors għar-restituzzjoni tal-liċenza, jew jappellalu, u sadattant huwa ma kienx ġie msejjaħ biex iħallas il-multa li kien weħel;

Irriżulta li fil-21 ta' April 1959, meta kien ilu li għalaq iż-żmien li fih seta' jsir l-appell mis-sentenza tal-10 ta' April, l-appellanti, per mezz tad-difensur tiegħu, talab lill-Qorti tal-Maġistrati r-restituzzjoni tal-liċenza, u li fit-22 ta' April il-Qorti ċaħdet it-talba. Inoltre . . . . Mhux verosimili li l-appellanti ma kienx jaf li l-appell ma kienx sar, u li minflok kien sar rikors għar-restituzzjoni tal-liċenza,, u t-talba ġiet miċħuda. Aktar dan mhuwiex verosimili, meta . . . . .;

Biex l-iżball tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat ineħħi l-imputabbilità irid jammonta għal "nozione piena e contrarja alla realtà"; u għall-iżball ta' fatt mhux ekwiparabbli d-dubju, li hu "scienza incompleta", kif isejjaħlu l-Borghese, jew "scienza alternativa", kif isejjaħlu Manzini;

Ikkunsidrat;

In kwantu l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tad-delitt ta' sewqan waqt skwalifika taħt l-art. 19 tal-Kap. 105 Att nru. XXVI tal-1956), u anki tad-delitt ta' użu ta' vettura tal-mutur mingħajr assikurazzjoni skond l-art. 3(1) tal-Kap. 165, u hekk ta' konkors ta' reati, sar applikabbli, in kwantu għall-piena, l-art. 19 tal-Kodiċi Kriminali, li mis-sentenza ma jirriżultax li ġie applikat;

Inoltre, skond l-art. 13 (1) (2) tal-imsemmi Kap. 165, id-data tal-iskwalifika tal-liċenza tibda tgħodd mid-data li fiha l-imputat ikun ġie misjub ħati. Din id-data ma ġietx alterata bl-art. 31 tal-Kodiċi Kriminali (Att no. V tal-1956), fejn jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu huma "without prejudice to the provisions of any other law imposing or authorising the suspension or cancellation of, or disqualification from holding or obtaining any licence . . ." U, darba li fl-imsemmi artikolu 31 ma jingħadx li s-sospensjoni tista' tibda minn data oħra, tibqa' operattiva d-data li fiha l-imputat ikun ġie misjub ħati;

Għalhekk;

Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-appellanti ġie misjub ħati taħt l-art. 19 tal-Kap. 105 u 31(1) (2) tal-Kap. 165, u in kwantu ġie skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal żmien sena; iżda wara li rat l-art. 19(6) tal-Kodiċi Kriminali, dwar il-konkors tar-reati u tal-pieni, tirriduċi l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti f'dik tal-priġunerija għal *żmien ħmistax il-ġurnata*, u *tordna* illi l-iskwalifika dwar il-liċenza tas-sewqan għal żmien sena tibda tgħodd mid-data ta' din is-sentenza.